# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2018**

**Numru 1**
**Rikors kostituzzjonali numru 86/2017 JZM**

**Onor Simon Busuttil**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; u b'sentenza tat-30 ta' Novembru 2017 issejħu fil-kawża l-Onor. Prim'Ministru Joseph Muscat, l-Onor. Ministru Konrad Mizzi, Keith Schembri, Malcolm Scerri, Adrian Hillman, Brian Tonna u Karl Cini**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li laqgħet talba tal-attur għal dikjarazzjoni li n-nuqqas ta' mħallef li jirrikuża ruħu jikser jew x'aktarx jikser il-jedd tal-attur għal smigħ xieraq imħares taħt l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzz-joni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"]; biex

tħassar kull dikriet jew sentenza mogħtija mill-qorti presjeduta minn dak l-imħallef; u biex tordna li l-każ jiġi assenjat lil imħallef ieħor. Hemm ukoll appell tal-attur minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talba tiegħu biex jingħata kumpens għall-ksur tad-dritt tiegħu.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: fl-14 ta' Lulju 2017 l-attur, b'rikors maħluf quddiem il-maġistrat li kien għassa dakinhar, ippreżenta denunzja ta' diversi reati kif irid l-art. 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali[1]. B'dikriet tas-26 ta' Lulju 2017 il-maġistrat, billi deherlu li jeżistu l-pre-rekwiżiti meħtieġa, fetaħ inkjesta maġisterjali. Dakinhar stess id-dikriet ġie notifikat lil seba' persuni (li ġew imsejħa fil-kawża tallum) bħala "l-persuni suspettati" kif irid l-istess art. 546(4A).

3. Fis-27 ta' Lulju 2017 kull wieħed mis-seba' persuni suspettati talbu b'rikors taħt l-art. 546(4B)[2] quddiem il-Qorti Kriminali illi d-deċiżjoni tal-maġistrat titħassar. Dakinhar stess il-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Onor. Imħallef Antonio Mizzi, tat lill-attur għaxart ijiem żmien biex iwieġeb għal dak ir-rikorsi.

---

[1] **546.** (4A) Meta r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela jsiru lil Maġistrat taħt dan l-artikolu minn xi persuna li ma tkunx l-Avukat Ġenerali jew uffiċjal tal-pulizija, ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela għandhom isemmu ċar lill-persuna suspettata li għamlet ir-reat (hawn izjed ' il quddiem f ' dan l-artikolu msejjħa "il-persuna suspettata"). Il-Maġistrat għandu jordna li r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, skont ma jkun il-każ, jiġi notifikat lill-persuna suspettata filwaqt li jagħtiha żmien għal risposta u wara li jgħaddi dak iż-żmien il-Maġistrat għandu jiddeċiedi jekk jagħmilx l-aċċess. Il-Maġistrat għandu jiddeċiedi li jagħmel l-aċċess biss jekk ikun stabbilixxa li l-prerekwiżiti meħtieġa biex isir dak l-aċċess ikunu jeżistu.

[2] **546.** (4B) Id-deċiżjoni tal-Maġistrat taħt is-subartikolu (4A) għandha tiġi notifikata lill-persuna li għamlet ir-rapport, denunzja jew il-kwerela u lill-persuna suspettata. Kull wieħed minnhom jista', fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, jagħmel rikors lill-Qorti Kriminali biex tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Maġistrat u l-Qorti Kriminali għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rikors bl-urġenza.

4. Wara li l-attur talab illi tappunta r-rikorsi għas-smigħ sabiex iqajjem eċċezzjonijiet preliminari, il-qorti appuntat is-smigħ għas-16 t'Awissu 2017. Waqt is-smigħ l-attur talab ir-rikuża tal-imħallef taħt l-art. 734(1)(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> »… … …
>
> »(*e*) jekk hu, jew il-mara tiegħu, jew ir-raġel tagħha, ikollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqata l-kawża;«

5. It-talba għal rikuża ġiet miċħuda b'deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2017.

6. Billi deherlu li ċ-ċaħda tal-eċċezjzoni ta' rikuża hija bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi, bid-digriet ta' nhar it-3 ta' Ottubru 2017 tal-Qorti Kriminali presjeduta mill-On. Imħallef Dott. A. Mizzi fejn l-istess imħallef ma rrikużax ruħu fis-smigħ tar-rikorsi tal-On. Prim Ministru Joseph Muscat, l-On. Ministru Konrad Mizzi, iċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru Keith Schembri, Malcolm Scerri, Adrian Hillman, Brian Tonna u Karl Cini biex tiġi revokata d-deċiżjoni tad-digriet tal-Maġistrat Dr Ian Farrugia tas-26 ta' Lulju 2017 fl-atti tar-rikors guramentat tal-Onor. Kap tal-Opposizzjoni Dr Simon Busuttil tal-14 ta' Lulju 2017, inkiser jew x`aktarx ser jinkiser id-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponenti kif sanċit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> »2. tħassar, tannulla u tirrevoka kwalsiasi digriet u/jew sentenza li tat il-Qorti Kriminali presjeduta mill-On. Imhallef A. Mizzi fir-rikorsi surreferiti inkl, iżda mhux limitat għal, digrieti jew sentenzi li jolqtu l-mertu tal-istess rikorsi;
>
> »3. tordna illi r-rikorsi magħmula mill-On. Prim Ministru Joseph Muscat, l-On. Ministru Konrad Mizzi, iċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru Keith Schembri, Malcolm Scerri, Adrian Hillman, Brian Tonna u Karl Cini biex tiġi revokata d-deċiżjoni tad-digriet tal-Maġistrat Dr Ian Farrugia tas-26 ta' Lulju 2017 fl-atti tar-rikors ġuramentat tal-Onor. Kap tal-Opposizzjoni Dr Simon Busuttil tal-14 ta' Lulju 2017 jiġu assenjati lil imħallef ieħor sabiex ikomplu jinstemgħu u jiġu deċiżi bl-urġenza kif irid l-artiklu 546(4B) tal-Kodici Kriminali;

»4. tillikwida kumpens għad-danni sofferti mill-esponenti għall-ksur jew probabbli ksur tad-dritt fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq;

»5. tordna lill-intimat iħallas il-kumpens hekk likwidat;

»6. tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponenti.«

7. L-Avukat Ġenerali wieġeb fid-9 ta' Novembru 2017 u talab *inter alia* illi jissejħu fil-kawża l-persuni l-oħra msemmija fir-rikors tal-attur; din it-talba ntlaqgħet fit-30 ta' Novembru 2017 u l-imsejħa fil-kawża lkoll wieġbu – kull wieħed għalih ħlief għal Brian Tonna u Karl Cini li wieġbu flimkien – għar-rikors tal-attur.

8. Bis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tal-imsejħa fil-kawża (ħlief għall-eċċezzjoni ta' sejħa fil-kawża li kienet intlaqgħet bil-provvediment tat-3-ta' Novembru 2017), laqgħet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tal-attur, ċaħdet ir-raba' u l-ħames talbiet, ma qisitx is-sitt talba u ordnat illi kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Skont ir-rikorrent, il-kawża saret għal tliet raġunijiet.

»L-ewwel raġuni hija li l-Onor. Imħallef Mizzi huwa miżżewweġ lill-Onor. Marlene Mizzi li hija *MEP* tal-Partit Laburista. Il-fatt waħdu li huma miżżewgin ifisser li hemm diffikultà biex l-Imħallef Mizzi jisma' l-appell, anke li kieku l-Onor. Mizzi ma tkellmitx fil-Parlament Ewropew. Saħaq li l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qiegħda ssir. Bejn il-konjuġi Mizzi hemm il-komunjoni tal-akkwisti u jista' jkun li hemm interess finanzjarju mill-fatt illi l-Onor. Mizzi tokkupa l-posizzjoni li għandha sal-lum. *MEP* għandu salarju li jlaħħaq il-EUR 100,000 fis-sena, u dak is-salarju jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

»It-tieni raġuni hija l-aġir fil-pubbliku tal-Onor. Mizzi u l-involviment tagħha fit-talba li huwa qed jagħmel biex l-iskandlu żvelat fil-*Panama Papers* jiġi investigat. L-Onor. Mizzi tkellmet dwar il-każ mhux biss fl-intervent li għamlet fil-Parlament Ewropew iżda anke permezz ta' *posts* li għamlet fuq *Facebook.* Fil-*posts* tagħha għamlet argumenti

politiċi favur il-Prim Ministru l-Onor. Joseph Muscat, Kap tal-Partit Laburista, u għamlet argument kontra tiegħu u *cioè* kontra r-rikorrent. Sostna li hemm rabta ċara wkoll bejn l-Onor. Mizzi u żewġha l-Imħallef Mizzi fil-mod kif tesprimi ruħha pubblikament anke meta *si tratta* ta' ħwejjeg li għandhom x' jaqsmu max-xogħol tiegħu tal-imħallef. Fakkar kif l-Onor. Mizzi ħaditha pubblikament kontra l-Prim Imħallef Silvio Camilleri dwar il-kwistjoni tal-*warrants* lil żewġ avukati, kwistjoni li qajmet kontroversja. Dak l-aġir tagħha kien indikattiv tal-fatt illi l-Onor. Mizzi titkellem ma' żewġha l-Imħallef Mizzi dwar ix-xogħol tiegħu.

»It-tielet raġuni hija għaliex l-imġieba tal-Imħallef Antonio Mizzi waqt il-każ in kwistjoni kemm fil-qorti fil-miftuħ u kif ukoll fil-qorti fil-magħluq kienet ostili fil-konfront tiegħu u tal-Av. Dr Jason Azzopardi. Eżempju ta' din l-ostilità huwa l-fatt illi l-Imħallef Mizzi kif appena beda jisma' l-appell ma riedx li l-każ jinstema' fil-pubbliku u għalhekk ordna li l-pubbliku jmur 'il barra. Eżempju ieħor huwa li l-Imħallef Mizzi staqsieh jekk dak li kien rappurtat fis-sens li huwa ma jibqax jisma' l-kawża kienx *a slip of the tongue* tiegħu. B'dak il-kliem huwa ħass li kien hemm ċertu ostilità. Huwa wieġeb lill-imħallef li dak li qal pubblikament kien minnu. Eżempju ieħor huwa li meta l-Av. Azzopardi semma fit-trattazzjoni tiegħu dak li kienet qalet l-Onor. Mizzi fis-sens li r-raġel tagħha kien bata fil-karriera tiegħu minħabba x-xogħol politiku tagħha. L-imħallef waqqfu u qallu li dik tatu fastidju kbir.

»Kompla jixhed illi huwa kien qed jitlob li ssir ġustizzja dwar il-każ tal-*Panama Papers*. It-talba tiegħu saret bħala ċittadin biex tinfetaħ investigazzjoni wara li l-Prim Ministru, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ma għamluhiex.

»Spjega li l-Imħallef Mizzi kemm-il darba rrikuża ruħu f'ċirkostanzi simili. Irrefera għal provvediment ta' rikuża datat 24 ta' April 2015 fejn wara talba ta' Daphne Caruana Galizia aċċetta t-talba tagħha għal rikuża minħabba li martu kienet *MEP* tal-Partit Laburista. Eżempju ieħor huwa meta l-Imħallef Mizzi, li dak iż-żmien kien għadu maġistrat, astjena minn każ li fih kien qed jidher quddiemu dak li kien il-Prim Imħallef Vincent De Gaetano peress li l-maġistrat kien qed jiġi investigat mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fis-settur tal-i*sports*.

»<u>L-isfond</u>

»Fl-14 ta' Lulju 2017 ir-rikorrent ippreżenta rikors konfermat bil-ġurament a tenur tal-art. 546(4A) tal-Kap. 9 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li kienet ippresjeduta mill-Maġistrat Dr Ian Farrugia għar-ragunijiet indikati fl-ewwel paragrafu tar-rikors odjern.

»Permezz ta' digriet tas-26 ta' Lulju 2017, il-qorti, wara li ddikjarat illi kienu avveraw ruħhom il-pre-rekwiżiti kollha meħtieġa, ordnat il-bidu ta' investigazzjoni u li tiskatta inkjesta maġisterjali dwar delitti li jġorru magħhom piena ta' priġunerija ta' iktar minn tliet snin li huwa l-minimu stabbilit mill-Kodiċi Kriminali sabiex jista' jkun hemm l-*in genere.*

»Fis-27 ta' Lulju 2017 l-Onor. Prim' Ministru, l-Onor. Ministru Konrad Mizzi, Keith Schembri, Malcolm Scerri, Adrian Hillman, Brian Tonna u Karl Cini, li huma l-persuni li kienu indikati fir-rikors tar-rikorrent odjern, ipprezentaw separatament rikorsi fil-Qorti Kriminali fejn talbu r-revoka

tal-provvediment tas-26 ta' Lulju 2017 a tenur tal-art. 546(4B) tal-Kap. 9.

»Is-smigħ tal-appell kien assenjat lill-Onor. Imħallef Antonio Mizzi sedenti fil-Qorti Kriminali.

»Fis-27 ta' Lulju 2017 il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Antonio Mizzi tat żmien lir-rikorrent odjern sabiex iwieġeb bil-miktub għar-rikorsi tl-persuni llum kjamati fil-kawża fil-proċediment odjern.

»Ir-rikorsi kienu appuntati għas-smigħ għas-16 ta' Awissu 2017. Fil-kors ta' din l-udjenza, ir-rikorrent talab ir-rikuża tal-imħallef sedenti.

»Fit-3 ta' Ottubru 2017 l-imħallef sedenti ċaħad it-talba għar-rikuża.

»Fid-19 ta' Ottubru 2017 ir-rikorrent ippreżenta din il-kawża fejn għamel it-talbiet fuq riferiti.

»<u>L-istanza</u>

»Il-qofol tal-istanza tar-rikorrent hija li bil-fatt illi l-appell jibqa' jinstema' mill-Onor. Imħallef Antonio Mizzi, li huwa miżżewweġ mal-*MEP* tal-Partit Laburista l-Onor. Marlene Mizzi, għar-ragunijiet li indika waqt id-deposizzjoni tiegħu, u abbażi tad-dokumenti li kienu esebiti bħala prova fil-procediment tal-lum, kien ser iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq tar-rikorrenti hekk kif tutelat bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni").

… … …

»<u>L-eċċezzjonijiet preliminari</u>

»<u>L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali</u>

»Kien eċċepit illi l-proċediment li huwa l-isfond tal-lanjanza tar-rikorrent jinsab fl-istadju ta' inkjesta maġisterjali, u għalhekk ma hemmx involuta d-determinazzjoni ta' akkuża kriminali, jew ta' dritt jew obbligu ċivili. Waqt inkjesta maġisterjali, ma hemmx akkużat, iżda jkun hemm biss smigħ ta' xhieda, teħid ta' ritratti u ġbir ta' reperti.

»… … … għalkemm huwa minnu li *wieħed* mill-għanijiet ta' inkjesta maġisterjali huwa li jiġi determinat jekk tabilħaqq kienx kommess reat, il-garanziji tas-smigħ xieraq skont l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u skont l-art. 6 tal-Konvenzjoni jgħoddu *anke* f'dak l-istadju.

»Tikkonferma dan anke issa minkejja kull disposizzjoni talvolta preżenti fil-Kap. 9 illi direttament jew xort'oħra tista' teskludi l-possibilità tar-rikuża.

»… … …

»… … … għalkemm il-proċediment mertu tal-lanjanza tar-rikorrent għadu fl-istadju ta' inkjesta maġisterjali, it-tuteli tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni huma veljanti.

»Għalhekk qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali.

»<u>L-ewwel eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża l-Onor. Prim Ministru Dr Joseph Muscat</u>

»… … … huwa prinċipju ewlieni tad-dritt li min jipproponi kawża jrid ikollu interess - (a) ġuridiku: fis-sens illi d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-eżistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tiegħu; (b) dirett u personali: fis-sens li jkun dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief għall-azzjoni popolari (li mhix il-kaz tal-lum); u (ċ) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur (<u>Muscat *v.* Buttigieg</u> - Vol. LXXIV.II.481).

»Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawża <u>Formosa Gauci *v.* Lanfranċo *et*</u> il-Qorti tal-Appell elenkat l-prinċipji li jikkwalifikaw dan l-interess -

»i) l-interess (ġuridiku) mehtieg irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali;

»ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni posittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;

»iii) l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmula kontrieha;

»iv) l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;

»v) l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-hajja kollha ta' l-azzjoni u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek. jinħeles milli jibqa' fil-kawża;

»vi) l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-motiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jrriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;

»vii) fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromwovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inklużа fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bhal dan, il-qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'il quddiem;

»viii) l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku;

»ix) jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd tal-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda illegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda *acta ad æmulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ.

»… … …

»Issa fil-każ tal-lum jirriżulta li kien ir-rikorrent li għamel id-denunzja skont l-art. 546(4A) tal-Kap. 9.

»Jirriżulta li kienu l-kjamati fil-kawża li bħala "persuni suspettati" abbażi tal-art. 546(4B) tal-Kap. 9 talbu rimedju mill-Qorti Kriminali fis-sens li rriżulta li sar fil-kors ta' dan il-proċediment.

»Jirriżulta li r-rikorrent kellu *locus standi* fil-proċediment quddiem il-Qorti Kriminali tant li talab ir-rikuża tal-imħallef sedenti, liema talba kienet trattata u l-esitu tagħha wassal finalment għall-kawża tal-lum.

»Hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti illi anke *in vista* tal-premess huwa legalment insostenibbli li r-rikorrent ikun eskluż milli jipproponi l-azzjoni odjerna, fuq allegata karenza ta' interess, meta l-bażi tal-istanza tiegħu hija l-pretensjoni li bil-fatt li l-imħallef sedenti f'dak il-proċediment ma rrikużax ruħu huwa ġarrab vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. L-elementi kollha tal-interess li trid il-liġi, kif imfissra fil-ġurisprudenza appena ċitata, jissussistu fl-istanza tar-rikorrent.

»Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża l-Onor. Prim Ministru Dr Joseph Muscat qiegħda tkun respinta.

»<u>It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali</u>

»Kien eċċepit illi r-rikorrent m'għandux l-interess ġuridiku sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna, għaliex ma jikkwalifikax b]ala "*vittma*".

»Ir-rikorrent la huwa imputat u lanqas persuna suspettata fil-kuntest ta' pretensjoni dwar ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

»Skont l-Avukat Ġenerali l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni japplikaw biss għall-imputat, mhux ukoll għall-*parte civile*.

»Il-qorti tqis illi fl-ambitu tal-Konvenzjoni l-art. 34 ighid illi "*every natural person as well as every non-governmental organization (NGO) or group of individuals can apply to the European Court of Human Rights (ECtHR)*".

»Sabiex ikun hemm "*victim status*", l-art. 34 ighid illi l-applikant ghandu jkun *"the victim of a violation by one of the High Contracting Parties of the rights set forth in the Convention or the protocols thereto*".

»Similment fl-art. 4(1) tal-Konvenzjoni u fl-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, hija persuna li tallega li d-drittijiet taghha ġew, qed jiġu jew x'aktarx ser jiġu miksura li tista' teżerċita l-azzjoni.

»… … …

»Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jikkontendi li għandu *loċus standi* anke fil-proċediment odjern *in vista* tal-fatt illi kien hu li ppreżenta r-rikors a tenur tal-art. 546(4A) tal-Kap. 9 sabiex il-maġistrat jagħmel il-prova dwar l-*in genere* kif jitlob l-art. 546(1) tal-Kap 9.

»Il-qorti tqis illi hekk kif ir-rikorrent kellu *locus standi* sabiex jagħti bidu għall-proċediment quddiem il-Maġistrat Ian Farrugia sabiex dan jinvestiga jekk kienx hemm il-pre-rekwiżiti kollha meħtieġa sabiex tibda investigazzjoni u tiskatta l-inkjesta maġisterjali, hekk ukoll huwa kellu *locus standi* quddiem il-Qorti Kriminali, wara li sar appell mill-provvediment tal-Maġistrat Dr Ian Farrugia. Ladarba r-rikorrent odjern kien mill-bidu nett fil-proċediment li tressaq [*sc.* quddiem] il-Maġistrat Ian Farrugia, u kellu *locus standi,* daqstant ieħor għandu *locus standi* li

jagħmel l-azzjoni odjerna jekk, fil-fehma tiegħu, kien hemm leżjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni. Għalhekk ir-rikorrent jikkwalifika bhala "*victim*" għall-fini tat-tutela tal-jeddijiet fondamentali tiegħu, u kwindi għandu l-interess ġuridiku li jippromwovi l-azzjoni tal-lum.

»Għalhekk il-qorti qiegħda tiċħad it-tieni (2) eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali.

»… … …

»<u>Dritt</u>

»… … …

»… … … tajjeb jingħad illi anke jekk skont l-artt. 733 u 734 tal-Kap. 12 ma jkunx hemm bażi għar-rikuża jew għall-astensjoni ta' mħallef, tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn il-fatt li talba għal rikuża jew astensjoni tkun respinta ġġib magħha [*recte*, il-fatt … iġib miegħu] konflitt mal-jeddijiet fondamentali tal-persuna, u għalhekk il-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet tal-liġi ordinarja.

»Indipendentement mill-fatt jekk iċ-ċirkostanzi jkunux tali li jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuża tal-ġudikant skont il-liġijiet ordinarji ta' proċedura, il-parametri ta' dawn il-liġijiet għandhom jitqiesu li twessgħu bid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li jħarsu s-smigħ xieraq.

»Il-qorti trid teżamina jekk fil-konkret, mhux fl-astratt, jistax jingħad li hemm jew jistax ikun hemm *bias* fil-ġudikant li jirrendi l-operat tiegħu soġġettivament jew oġġettivament parzjali. Kollox għandu jkun trattat fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi tal-kaz partikolari.

»Biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant, din trid tkun waħda konkreta, mhux merament perċepita. … … …

»… … …

»<u>Ir-raġunijiet tar-rikorrent</u>

»In sostenn tal-istanza tiegħu, ir-rikorrent igħid dan li ġej:-

»a) Hija viġenti l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-Onor. Imħallef Antonio Mizzi u martu l-Onor. Marlene Mizzi. Għalhekk l-Onor. Imħallef Mizzi "bi dritt jipparteċipa mill-paga u perkaċċi tal-*MEP* Marlene Mizzi li joqorbu l-EUR 100,000 fis-sena".

»b) L-Onor. Marlene Mizzi daħlet pubblikament fil-kwistjoni li tat lok għar-rikors li kien preżentat quddiem il-Maġistrat Ian Farrugia meta tkellmet fil-Parlament Ewropew dwar il-kwistjoni tal-*Panama Papers* fid-dibattitu tal-14 ta' Ġunju 2017. Barra minn hekk, kitbet *Facebook post* u anke artiklu li deher fil-ġurnal *Malta Independent* fit-30 ta' Gunju 2017.

»ċ) Jikkontendi li hemm rabta ċara bejn l-*MEP* Onor. Mizzi u żewġha tant li hija kienet esprimiet ruħha pubblikament dwar ħwejjeġ li kellhom x'jaqsmu max-xogħol tiegħu bħala mħallef.

»d) Skont ir-rikorrent, l-aġir tal-Onor. Imħallef Mizzi fil-konfront tiegħu u tal-avukat tiegħu waqt is-smigħ tal-appell mid-digriet tal-Maġistrat Ian Farrugia jikxef *bias*, preġudizzju, ostilità u nuqqas ta' dehra ta' imparzjalità tal-imħallef sedenti. Saret referenza għall-fatt li l-imħallef irrimarka l-kliem "fastidju u fastidju kbir. Huwa fastidju kbir" waqt it-

trattazzjoni tat-talba għar-rikuża. Issemmiet l-intervista li l-*MEP* Onor. Mizzi kienet tat fl-20 ta' Ġunju 2010. Ir-rikorrent irrefera ukoll għall-fatt li l-imħallef ried li l-każ isir bil-magħluq milli fil-miftuħ u li waqt seduta fil-magħluq kien staqsa mistoqsija lir-rikorrenti li kienet ta' ċerta ostilità.

»Dan premess, u fuq l-iskorta ta' dawn ir-raġunijiet, il-qorti sejra tittratta l-kwistjoni dwar jekk l-art. 734(1)(*e*) tal-Kap. 12 għandux japplika għall-proċeduri li raw il-bidu tagħhom fl-14 ta' Lulju 2017 mir-rikorrent.

«<u>Analiżi tar-raġunijiet</u>

»L-art. 734(1)(*e*) tal-Kap. 12 japplika għal *kawżi.* Hekk tgħid id-dispos-izzjoni.

»Il-każ in kwistjoni jirrigwarda investigazzjoni u ġbir ta' provi sabiex f'każ ta' eżitu favorevoli tibda inkjesta maġisterjali.

»Huwa rilevanti ferm dak li jgħid l-art. 368(1) tal-Kap. 9 li jelenka dawk ir-raġunijiet fejn maġistrat jista' jiġi rikużat għar-raġunijiet hemm imsemmija filwaqt li jistipola li l-istess raġunijiet ma jistgħux jimpedixxu lil maġistrat milli jagħmel atti dwar l-*in genere* jew *reperti.*

»Tgħid dan anke b'riferenza għas-sottomissjonijiet tal-aħħar bil-fomm li saru fil-kors tal-udjenza tat-2 ta' Lulju 2018.

»Dan premess, din il-qorti tafferma illi jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta' ġudikant ma tkunx taqa' taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12, fl-istess waqt jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed f'kuntest aktar wiesa' fejn ġudikant m'għandux jibqa' jisma' każ sabiex ikun hemm serħan tal-moħħ li bl-akbar mod trasparenti possibbli jkun qed jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq.

»F'ċirkostanzi bħal dawn, l-imparzjalità personali ta' ġudikant kienet dejjem preżunta salv għal prova kuntrarja. Ladarba persuna tinħatar bħala ġudikant, dik il-persuna tibqa' preżunta bħala imparzjali, u li sejra taġixxi b'imparzjalità dejjem. Tant hu hekk illi skont l-art. 101 tal-Kostituzzjoni, imħallef m'għandux jidħol għad-dmirijiet tal-kariga tiegħu sakemm ma jkunx ħa u ffirma l-ġurament ta' lealtà u dak il-ġurament għall-qadi xieraq tal-kariga tiegħu kif jista' jkun preskritt b'xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta.

»Il-ġurament skont l-art. 10 tal-Kap. 12 jikkonsisti fil-kliem "li nagħmel bis-sewwa d-dmirijiet ta' imħallef bla favuri u mingħajr ma nżomm ma' ħadd, kif irid il-ħaqq u l-jedd …".

»L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni ta' ġudikant jinbena fuq il-pre-suppost li l-ġudikant li quddiemu jitressaq każ huwa imparzjali u li huwa dmir tiegħu (mhux sempliċi privileġġ jew favur) li jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.

»Fil-fehma ta' din il-qorti, kemm għal dak li jirrigwarda t-test oġġettiv u kif ukoll dak soġġettiv, il-fattur li għandu jagħti lok għal dubju dwar l-imparzjalità tal-ġudikant għandu jkun wieħed gravi.

»Premess dan kollu, il-qorti sejra tgħaddi għall-analiżi tal-lanjanzi tar-rikorrent.

»a) L-interess finanzjarju

»Fil-fehma tal-qorti, l-Onor. Marlene Mizzi m'għandhiex titqies li għal raġunijiet finanzjarji għandha interess dirett jew indirett dwar kif żewġha l-Onor. Imħallef Mizzi sejjer jippronunzja ruħu fl-appell tal-kjamati fil-kawża mid-digriet tal-Magistrat Ian Farrugia.

»Ir-rikorrent jagħmel l-argument illi l-Onor. Marlene Mizzi għandha onorarju sostanzjali li jiġi mill-fatt li hija *MEP* u għal dik ir-raġuni għandha interess dirett u indirett fuq l-esitu tal-appell li sar quddiem żewġha l-Onor. Imħallef Mizzi fejn wiehed mill-appellanti huwa l-kjamat fil-kawża l-Onor. Prim Ministru Dr Joseph Muscat, Mexxej tal-Partit Laburista.

»Fil-kors tat-trattazzjoni bil-fomm qam argument relatat u *cioè* illi għalkemm ma kienx kontestat li l-Imħallef Mizzi u l-*MEP* Mizzi huma miżżewġin, kien kontestat mill-kjamati fil-kawża li ma kienx hemm prova li l-onorarji tat-tnejn jagħmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ir-rikorrent irribatta għal dan billi sostna li l-presunzjoni skont il-liġi tagħna hi li ma' żwieġ li jsir fil-Gżejjer tagħna tidħol fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti. Skont ir-rikorrent, din il-presunzjoni hija *juris et de jure* [*recte*, *iuris tantum*] u allura kien jispetta lill-kontroparti li tagħmel il-prova li l-konjuġi Mizzi eskludew il-komunjoni tal-akkwisti mir-reġim matrimonjali tagħhom.

»Il-qorti mhijiex sejra tidħol fil-kwistjoni ta' jekk saritx il-prova dwar l-esistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u lil min dik il-prova kienet tispetta għaliex ma tqisx li hija rilevanti għall-fini tal-istanza li għandha quddiemha.

»Tgħid hekk għaliex il-qorti ma tqisx illi l-fatt li għax l-Onor. Marlene Mizzi hija *MEP* tal-Partit Laburista waħdu u b'daqshekk ifisser li għandha interess dirett jew indirett fl-eżitu tal-pendenza ġudizzjarja *de qua*.

»Tgħid dan għaliex il-veduti politiċi ta' kull ċittadin jidħlu fil-kamp tal-privat ta' dak iċ-ċittadin anke meta żewġ ċittadini konjuġi jmorru jesprimu l-vot tagħhom. Xi jsir fil-kabina tal-votazzjoni jafu biss l-elettur li jagħżel li jivvota fl-elezzjonijiet.

»Il-qorti taċċetta li l-Onor. Mizzi kienet eletta fi proċess elettorali fuq il-merti tagħha f'isem il-Partit Laburista u li kienet eletta mill-poplu.

»Anke dan il-fatt waħdu mhux biżżejjed sabiex iwassal lil din il-qorti biex tibdel il-fehma tagħha dwar l-interess dirett jew indirett.

»b) L-istqarrijiet pubbliċi tal-Onor. Marlene Mizzi dwar il-każ tal-*Panama Papers*

»Irriżulta li l-Onor. Marlene Mizzi tkellmet fl-14 ta' Ġunju 2017 fil-Parlament Ewropew dwar il-kwistjoni tal-*Panama Papers*.

»Id-denunzja li għamel ir-rikorrent lill-Maġistrat Ian Farrugia skont kif previst bl-art. 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali kienet dwar il-każ tal-*Panama Papers*.

»Id-denunzja tar-rikorrent skattat fil-konfront tal-kjamati fil-kawża kollha. Kien għalhekk li dawn kollha ressqu appell fil-Qorti Kriminali skont l-art. 546(4B) tal-Kap 9. Għalhekk il-posizzjoni tal-kjamati fil-kawża titlaq kollha minn posizzjoni waħda, indipendentement jekk humiex nies tal-politika jew nies tan-negozju jew xort'oħra. Ilkoll kienu

involuti u lkoll ikollhom iwieġbu fi proċediment ta' din ix-xorta, indipendentement mill-kwalifiki tagħhom bħala ċittadini ta' dan il-pajjiż. Din l-aħħar osservazzjoni qiegħda ssir l-aktar b'riferenza għas-sottomissjonijiet bil-fomm li għamel il-kjamat fil-kawża Adrian Hillman *tramite* d-difensur tiegħu.

»Irrizulta li l-*MEP* Onor. Mizzi ittrattat il-kwistjoni tal-*Panama Papers* u esprimiet il-fehma tagħha fil-pubbliku dwar din il-kwistjoni.

»Quddiem din il-qorti tressqet l-aħjar prova ta' dak li ċertament stqarret l-*MEP* Onor. Mizzi, u *cioè* dak li qalet waqt id-dibattitu li sar fil-Parlament Ewropew fl-14 ta' Ġunju 2017. Hemm l-Onor. Marlene Mizzi tkellmet liberament fil-vesti tagħha ta' *MEP* tal-Partit Laburista bl-aktar mod ċar dwar dak li dehrilha dwar il-kwistjoni.

»Fl-istess waqt, il-qorti mhijiex sejra tqis bħala l-aħjar prova dak li allegatament ingħad mill-*MEP* Onor. Mizzi fuq *Facebook* jew fil-ġurnali għaliex f'dak il-każ l-aħjar prova skont il-liġi kienet tkun il-konferma *o meno* da parti tagħha taħt ġurament ta' dak riportat fuq *Facebook* jew fil-ġurnali bhala stqarrijiet tagħha.

»ċ) <u>L-imġieba tal-Onor Imħallef Antonio Mizzi</u>

»Għalkemm ir-rikorrent jiddikjara fix-xiehda tiegħu illi ma kellu xejn xi jgħid dwar l-integrità tal-Imħallef Antonio Mizzi, fl-istess waqt ilmenta dwar il-mod kif l-istess imħallef ġab ruħu miegħu u mal-avukat tiegħu fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell mill-provvediment tal-Maġistrat Ian Farrugia. Jilmenta li l-imħallef wera ruħu ostili magħhom it-tnejn b'interventi li għamel.

»Din il-qorti tistqarr illi mhijiex konvinta – abbażi ta' provi meqjusa bil-kejl tal-oġġettività – li bl-imġieba tiegħu dakinhar jew inkella b'li stqarr dakinar seta' ta hjiel li kien qed jaħmi xi preġudizzju jew ostilità – reali, attwali jew preżunt – kontra r-rikorrent u l-avukat tiegħu, b'mod li seta' jinsorġi xi dubju leġittimu ta' preġudizzju.

«… … …

»Din il-qorti ma ssibx li bl-imġieba tiegħu l-Imħallef Mizzi wera *personal bias* fil-konfront tar-rikorrent jew tal-avukat tiegħu.

»d) <u>Proċediment kondott fil-magħluq mhux fil-miftuħ</u>

»Ir-rikorrent ilmenta li l-proċediment quddiem il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Mizzi sar bil-magħluq mentri dibattiment dwar rikuża ta' ġudikant għandu jsir fil-miftuħ.

»Fil-fehma ta' din il-qorti dan il-fatt bħala tali ma jġibx preġudizzju da parti tal-Onor. Imħallef Mizzi fil-konfront tar-rikorrent. Tenut kont tas-sensittività tal-każ, il-qorti ma tqisx li ntefa' xi dell fuq ir-regolarità tal-proċediment bil-fatt li sar smigħ bil-magħluq.

»e) <u>Preċedenti</u>

»Ir-rikorrent igħid illi f'każi analogi, l-Onor. Imħallef Mizzi rrikuża ruhu, kontra dak li għamel fil-kaz tal-lum.

»Tajjeb li jiġi rilevat illi fil-provvediment tal-24 ta' Mejju 2015 fil-każ ta' <u>Il-Pulizija *v.* Daphne Caruana Galizia</u> l-Onor. Imħallef Mizzi kien astjena għaliex martu u *cioè* l-Onor. Marlene Mizzi kienet issemmiet fil-*blogs* li kienet tikteb l-akkużata. Fil-każ l-iehor fejn kien involut il-Prim' Imħallef Vincent De Gaetano bhala *parte civile* f'kawża tal-

pulizija, l-Imħallef Mizzi (dak iż-żmien maġistrat) kien astjena għaliex dak iż-żmien hu personalment kien qiegħed jiġi investigat mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja li tagħha l-Prim' Imħallef De Gaetano kien viċi-president dwar allegat ksur tal-Kodiċi tal-Etika tal-Ġudikatura billi kien president tal-*Malta Basketball Association*.

»<u>Konsiderazzjonijiet</u>

»Il-qorti qieset il-provi kollha ammissibbli u rilevanti fl-assjem tagħhom.

»Ikkunsidrat il-provi fil-kuntest tal-ilmenti li ġab 'il quddiem ir-rikorrent.

»Għarblet kollox b'mod akkurat u kif jixraq, fl-isfond tad-dottrina u tal-ġurisprudenza li diġà għamlet referenza għalihom aktar kmieni.

»… … …

»B'żieda ma' dak li osservat aktar kmieni dwar ilmenti tar-rikorrent wieħed wieħed, il-qorti tisħaq illi fil-fehma tagħha l-fatt – iżolat waħdu – li l-Onor. Imħallef Mizzi huwa miżżewweġ lill-*MEP* tal-PL l-Onor. Marlene Mizzi ma jikkostitwix waħdu riskju ta' imparzjalità, u allura ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrent jekk ma jirrikużax ruħu fil-każ li ġie quddiemu.

»Fl-istess waqt tisħaq ukoll illi d-dikjarazzjonijiet pubbliċi li għamlet l-Onor. Mizzi, in partikolari dak mistqarr minnha fis-seduta tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017, marbuta dawn mal-fatt illi hija miżżewġa lill-Onor. Imħallef Mizzi kellhom iwasslu lill-istess Onor. Imħallef Mizzi sabiex jirrikuża ruħu proprju għaliex ir-rabta matrimonjali bejn it-tnejn issa kienet tikkostitwixxi riskju gravi ta' imparzjalità u allura ksur tal-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrent.

»Tajjeb jingħad illi l-Onor. Marlene Mizzi – għax *MEP*, u allura għax politiku – kellha kull jedd titkellem fil-Parlament Ewropew dwar il-każ tal-*Panama Papers*. Dak kien dritt għal kollox leġittimu tagħha. Hekk irriżulta ppruvat skont il-liġi li għamlet fl-14 ta' Ġunju 2017. Hemm esprimiet il-fehmiet tagħha kjarament u mingħajr ekwivoċi.

»Iżda meta mbagħad ftit aktar minn xahar biss wara dak id-dikors, u *cioè* fis-27 ta' Lulju 2017, tressaq quddiem żewġha l-Onor. Imħallef Mizzi l-każ li kien relatat tant mill-qrib ma' dak li martu kienet tkellmet dwaru fil-Parlament Ewropew, il-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq, tradott fl-essenza tiegħu f'kondotta li fid-deher tiggarantixxi l-imparzjalità tiegħu kellu jwassal lill-Onor. Imħallef Mizzi sabiex jastjeni.

»B'hekk, bl-aktar mod ċar u kristallin, l-Onor. Imħallef Mizzi kien iwarrab fil-ġenb, imqar fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, kull xrara jew sembjanza ta' dubju dwar kull deċiżjoni jew provvediment futur tiegħu fil-każ li kellu quddiemu.

»Għalhekk l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimat u tal-kjamati fil-kawża qegħdin ikunu respinti kollha, u l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrent milqugħa kollha.

»<u>Ir-raba' u l-ħames talbiet</u>

»Fir-raba' u l-ħames talbiet, ir-rikorrent talab il-ħlas ta' kumpens.

»Minn kif inhuma dedotti dawn iż-żewġ talbiet mhuwiex ċar liema tip ta' kumpens qiegħed jintalab mir-rikorrent li jiġi likwidat u mħallas, u *cioè* huwiex kumpens morali jew pekunjarju.

»Fl-istess waqt, kien x'kien il-kumpens li kien qed jirreferi għalih ir-rikorrent, dan ma ġab provi ta' xejn dwar dawn it-talbiet.

»Fl-assenza ta' prova da parti tar-rikorrent, dawn it-talbiet se jkunu respinti.

»Is-sitt (6) talba

»B'din l-aħħar talba, ir-rikorrent qed jitlob lill-qorti sabiex "tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponenti".

»*In vista* tal-fatt illi kienu akkolti l-ewwel tliet talbiet, ir-rikorrent għandu jqis lilu nnifsu sodisfatt.

»Għalhekk qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba kif dedotta.

*Decide*

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent, dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimat li baqgħu mhux deċiżi bis-sentenza tagħha tat-30 ta' Novembru 2017, u dwar l-eċċezzjonijiet tal-kjamati fil-kawża billi:-

»Qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra tal-intimat.

»Qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari kollha tal-kjamati fil-kawża.

»Qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimat u tal-kjamati fil-kawża.

»Qiegħda tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent.

»Qiegħda tiċħad ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrent.

»Qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba tar-rikorrent.

»Bl-applikazzjoni tal-art. 223(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.«

10. L-Avukat Ġenerali appella b'rikors tal-24 ta' Lulju 2018 li għalih l-attur wieġeb, b'appell inċidentali, fl-1 t'Awissu 2018. L-Avukat Ġenerali wieġeb għall-appell inċidentali fis-6 t'Awissu 2018. Wieġbu wkoll, għall-appell ewlieni: Adrian Hillman fil-31 ta' Lulju 2018, Malcolm Scerri fl-1 t'Awissu 2018, Keith Schembri fl-1 t'Awissu 2018, u l-Onor. Konred Mizzi fis-6 t'Awissu 2018 li dakinhar wieġeb ukoll għall-appell inċidentali.

11. L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi l-proċeduri taħt l-art. 546(4B) jintlaqtu bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Fisser dan l-aggravju hekk:

> »L-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta ċahdet l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea
>
> »Illi l-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza appellata wara li għamlet riferenza għas-sentenza tagħha *in parte* tat-30 ta' Novembru 2017 osservat illi:
>
>> »"Hemm il-qorti ppronunzjat ruħha kjarament illi għalkemm huwa minnu li wieħed mill-għanijiet ta' inkjesta maġisterjali huwa li jiġi determinat jekk tabilhaqq kienx kommess reat, il-garanziji tas-smigħ xieraq skont l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u skont l-art. 6 tal-Konvenzjoni jgħoddu anke f'dak l-istadju. Tikkonferma dan anke issa minkejja kull disposizzjoni talvolta preżenti fil-Kap. 9 illi direttament jew xort'oħra tista' teskludi l-possibilità tar-rikuża."
>
> »Illi l-appellant ma jaqbilx ma' dina l-konklużjoni tal-ewwel onorabbli qorti u dan *stante* li fil-fehma tiegħu proċeduri fil-fażi ta' inkjesta maġisterjali ma tinvolvix [*recte*, proċeduri … ma jinvolvux] id-determinazzjoni ta' akkuża kriminali jew dritt jew obbligu ċivili bil-konsegwenza naturali li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax għal tali sitwazzjoni.
>
> »Illi fil-fehma tal-esponenti inkjesta maġisterjali tikkostitwixxi proċess ta' konstatazzjoni ta' fatti u dak li jagħmel il-maġistrat inkwirenti huwa li jista' jordna l-arrest ta' persuni li huma ħatja jew jekk l-indizji jippuntaw lejhom, jordna l-qbid ta' oġġetti u jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jippreserva l-provi. Fl-istadju tal-inkjesta l-ebda persuna ma tkun qiegħda tiġi akkużata b'reat; anzi wieħed jazzarda anke jgħid li f'tali fażi l-persuni involuti fil-perpetrar tar-reat ġeneralment ikunu injoti. Illi għalhekk fl-istadju tal-inkjesta l-ebda persuna ma tkun akkużata b'reat u għalhekk l-inkjesta maġisterjali ma tikkwalifikax bħala '*trial*' iżda tikkostitwixxi biss konstatazzjoni ta' fatti anke jekk fl-għeluq tal-inkjesta l-maġistrat inkwirenti jesprimi l-opinjoni tiegħu fuq bazi *prima facie* jekk għandhomx jittieħdu proċeduri kontra xi persuna in konnessjoni ma' reat.
>
> »Illi ġaladarba fl-istadju ta' inkjesta maġisterjali ma jkun hemm l-ebda persuna li tkun akkużata b'reat ifisser li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiskattax bil-konsegwenza li kull allegazzjoni ta' ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea msejsa fuq l-andament ta' inkjesta maġisterjali ma treġix *stante* li fl-istadju tal-inkjesta maġisterjali l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax.
>
> »Illi dina l-kwistjoni ġiet trattata *funditus* fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech *v.* Id-Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qrati u l-Avukat Ġenerali (mhux appellata) deċiża fis-17 ta' Jannar 2002 fejn dik il-qorti eżaminat in-natura tal-inkjesta maġisterjali u osservat illi:

»"Fuq rapport, denunzja jew kwerela, li fuqhom għandhom isiru proċeduri, magħmula mill-Pulizija Eżekuttiva jew lil maġistrat, għandhom jibdew proċeduri. Jistgħu isiru aċċessi, jinstemgħu xhieda, jiġu elevati oġġetti, nominati esperti biex jagħmlu eżamijiet tal-istess oġġetti u jiġu preparati rapporti. Il-maġistrat jista' jordna l-arrest ta' kull persuna li waqt l-aċċess jikxef li hija ħatja, jew li kontra tagħha jkunu nġabru indizji biżżejjed. Jista' jordna l-qbid ta' oggetti u tfittxija f'postijiet – [art.] 554 [tal-Kodiċi Kriminali]. Bażikament l-inkjesta maġisterjali hi intiża għall-preservazzjoni tal-provi u hu b'mod eċċezzjonali illi l-maġistrat jeżerċita l-poter tiegħu taħt l-artikolu 554(1) tal-Kodiċi u jordna l-arrest. Suġġett materjali tar-reat għandu jiġi deskritt bid-dettalji kollha wieħed wieħed u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett. Waqt l-aċċess jistgħu jittieħdu ritratti. Jistgħu jinstemgħu diversi xhieda u dawn għandhom jiġu mdaħħla fil-*procès-verbal*. Iżda inkjesta ssir fil-magħluq b'segretezza kbira, fejn saħansitra xhud ma jkunx jaf x'qed jgħid xhud ieħor dwaru, fejn la jidħlu avukati, fejn lanqas isir kontroll ta' xhieda jew kontro-eżami minn avukati u fejn kollox isir b'riserva u diskrezzjoni kbira. Meta inkjesta tkun għadha miexja ebda persuna ma tkun għadha ġiet akkużata b'reat. Infatti maġistrat huwa obbligat li jieqaf milli jkompli bl-investigazzjoni tiegħu meta jiġi infurmat li persuna jew persuni ġew imressqa jew sejrin jitressqu akkużati bir-reat relattiv. L-inkjesta maġisterjali b'ebda mod ma tista' tkun kunsidrata bħala *a 'trial'* iżda kostatazzjoni ta' fatti, għalkemm il-maġistrat spiss jesprimi opinjoni *prima facie* dwar jekk għandhomx jittieħdu proċeduri fil-konfront ta' persuna jew persuni in konnessjoni ma' xi reat. L-artikolu 550(5) jsemmi li l-proċess verbal għandu jkun fih paragrafu finali bil-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti. Il-proċess verbal magħmul regolarment jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża. L-atti għandhom jintbagħtu mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet suffiċjenti biex jipproċedi. Jekk l-Avukat Ġenerali jiddeċiedi li ma għandu jsir xejn aktar kollox jieqaf hemm indipendentement mill-opinjoni li jkun esprima l-maġistrat. Jistgħu anke jittiehdu passi kontra persuna oħra minn dik indikata mill-maġistrat. F'kaz ta' ġûri, jew kumpilazzjoni jingħad li bniedem għadda ġûri, jew kumpilazzjoni. Iżda f'każ ta' inkjesta mhux legalment eżatt u korrett dak li jgħid ir-rikorrent fl-ewwel paragrafu tar-rikors tiegħu u *cioè* illi hu 'kien għaddej inkjesta'; fil-verità tkun qed issir inkjesta dwar allegazzjonijiet illi jinvolvu lir-rikorrent. Dak li qed jigi indagat u investigat fl-inkjesta hu l-veraċità tal-allegazzjonijiet li setgħu saru fil-konfront tar-rikorrent u biex jiġi determinat jekk hemmx traċċi jew elementi ta' xi reat li għalih xi persuna (jista' jkun kemm ir-rikorrent kif ukoll xi persuna oħra inkluż min għamel l-allegazzjonijiet) tista' tkun mitluba tirrispondi għalihom. Fl-inkjesta ma ssir qatt aġġudikazzjoni dwar il-ħtija *o meno* ta' xi indagat. Dan kollu jwssal għall-fatt li inkjesta jew investigazzjoni mhix ekwivalenti għal akkuża jew proċess kriminali – ossija f'dak l-istadju ma jkunx hemm persuna akkużata b'reat kriminali kif jitlob l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni."

»Illi l-esponenti huwa konsapevoli li wara dina d-deċiżjoni kien hemm deċiżjonijiet kemm minn dina l-onorabbli qorti kif ukoll mill-qorti ta' Strasburgu fejn il-protezzjonijiet tas-smigħ xieraq garantiti permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġew estiżi għall-istadju tal-investigazzjoni; madankollu, kif jiġri f'kull każ li jkollha quddiemha dina l-onorabbli qorti, l-eżami li trid tagħmel huwa b'riferenza għall-fattispeċie li

għandha quddiemha. In fatti fir-referenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) *v.* Jean Pierre Borg (referenza kostituzzjonali numru 59/2012) deċiża fil-25 ta' Ottubru 2016 (mhux appellata) f'kuntest ta' azzjoni għal gbir ta' taxxa il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) osservat illi:

> »"dan ifisser li biex jibda jitqies il-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jrid ikun hemm 'akkuża kriminali' ('*criminal charge*') li għall-finijiet tal-istess Konvenzjoni ġġorr tifsira awtonoma. F'dan ir-rigward, l-awturi jisħqu li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6 (1) of the Convention restrictively*'". Imma huwa stabilit sallum b'ċertezza li ma ċċaqal-qitx wisq li "*from this 'definition' it follows that article 6 also applies to the pre-trial phase, but only from the moment a charge has been brought*". F'dan ir-rigward, il-qagħda hija wkoll stabiita minn deċiżjonijiet tal-qorti ta' Strasbourg."

»Illi fil-kuntest ta' inkjesta maġisterjali fl-ebda waqt ma jkun hemm 'akkuża' quddiem 'qorti' iżda li jkun hemm fl-istadju ta' inkjesta maġisterjali huwa investigazzjoni li titmexxa mill-maġistrat u li għalhekk f'dan ix-xenarju l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax.

»Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jirrileva li dan l-artikolu huwa applikabbli biss meta persuna titpoġġa taħt akkuża iżda ma japplikax għall-istadju li jiġi qabel. Illi fir-referenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) *v.* Jean Pierre Borg li għaliha diġà saret riferenza f'dan l-aggravju, ġie osservat illi:

> »"l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstama' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. Dan l-artikolu gie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċizjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti inkwirenti u lanqas għal proċeduri qudiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja."

»Illi jsegwi għalhekk li dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għandhom jiġu dikjarati bħala inapplikabbli.«

12. Dan l-aggravju huwa ħażin fejn igħid illi "proċeduri fil-fażi ta' inkjesta maġisterjali" b'mod ġenerali ma jistgħux jintlaqtu bid-disposizzjonijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew bl-art. 6 tal-Konvenzjoni. Ma jistax ikun serjament kontestat illi li kieku xi ħadd mill-"persuni suspettati" kien qarib tal-imħallef dan għandu jastjeni, kif ukoll għandu jastjeni li kieku

l-vittma tar-reat kien l-imħallef innifsu jew xi qarib tiegħu, mhux għax fl-inkjesta tittieħed deċiżjoni dwar ħtija iżda għax dak li jsir waqt l-inkjesta jista' jolqot proċeduri li jsiru 'l quddiem u li fihom tittieħed deċiżjoni bħal dik.

13. Dawn il-konsiderazzjonijiet igħoddu kemm dwar l-art. 6 tal-Konvenzjoni u kemm dwar l-art. 39 tal-Kostituzzjoni. Huwa minnu illi l-art. 39 jolqot ċirkostanzi fejn ikun inbeda proċess kriminali quddiem qorti u jagħti drittijiet lil min ikun "akkużat" f'dawk il-proċeduri, li ma huwiex il-każ illum. Madankollu ma huwiex minnu illi dak li jkun sar qabel ma l-persuna tkun akkużata ma jistax jolqot, bi preġudizzju għaliha, dak li jiġri wara li tiġi akkużata, b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma tkunx tista' tingħata smigħ xieraq. L-art. 46 tal-Kostituzzjoni jagħti rimedju kemm lil min jallega li nkiser dritt tiegħu taħt id-disposizzjonijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali u kemm lil min jallega li dak id-dritt "x'aktarx" ser jinkiser jekk 'il quddiem jiġi akkużat.

14. Il-kwistjoni għalhekk aktar milli jekk hijiex assolutament eskluża l-applikabilità tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni – kif jippretendi l-Avukat Ġenerali – hija min għandu interess li jinvoka dawk id-disposizzjonijiet, li huwa l-meritu tat-tieni aggravju.

15. L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk miċħud.

16. It-tieni aggravju jolqot l-interess ġuridiku tal-attur u ġie mfisser hekk:

> »L-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-appellat *stante* li mhuwiex 'vittma' *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Illi l-ewwel onorabbli qorti ċaħdet dina l-eċċezzjoni preliminari wara li osservat illi:

> »"Il-qorti tqis illi hekk kif ir-rikorrent kellu *locus standi* sabiex jagħti bidu għall-proċediment quddiem il-Maġistrat Ian Farrugia sabiex dan jinvestiga jekk kienx hemm il-pre-rekwiżiti kollha meħtieġa sabiex tibda investigazzjoni u tiskatta l-inkjesta maġisterjali hekk ukoll huwa kellu *locus standi* quddiem il-Qorti Kriminali, wara li sar appell mill-provvediment tal-Maġistrat Dr Ian Farrugia. Ladarba r-rikorrent odjern kien mill-bidu nett fil-proċediment li tressaq [*sc.* qudiem] il-Maġistrat Ian Farrugia, u kellu *locus standi*, daqstant ieħor għandu *locus standi* li jagħmel l-azzjoni odjerna jekk, fil-fehma tiegħu, kien hemm leżjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni. Għalhekk ir-rikorrent jikkwalifika bħala '*victim'* għall-fini tat-tutela tal-jeddijiet fonda-mentali tiegħu, u kwindi għandu l-interess ġuridiku li jippromwovi l-azzjoni tal-lum."

»Illi ċertament li wieħed mill-presupposti proċesswali biex persuna tkun tista' tressaq azzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali huwa li dak li jkun irid juri li huwa vittma tal-vjolazzjoni kostituzzjoni jew kon-venzjonali li tkun qed tiġi allegata (ara <u>L-Irlanda *v.* Ir-Renju Unit</u> – applikazzjoni numru 5310/71 deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-18 ta' Jannar 1978 u <u>D *v.* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja</u> – applikazzjoni numru 9320/81 deċiza fil-plenarja mill-Kummissjoni fil-15 ta' Marzu 1984). Għalhekk mhuwiex permissibbli li persuna tressaq azzjoni konvenzjonali jew kostituzzjonali fl-astratt (ara <u>Klass u ohrajn *v.* Il-Ġermanja</u> – applikazzjoni numru 5029/71 deċiża fis-6 ta' Settembru 1978) fejn jingħad illi "… *an individual applicant should claim to have been actually affected by the violation he alleges*" u aktar 'il quddiem li l-azzjoni konvenzjonali "*does not institute for individuals a kind of actio popolaris for the interpretation of the Convention; it does not permit individuals to complain against a law in abstracto simply because they feel that it contravenes the Conven-tion*".

»Illi fil-fehma tal-esponenti minkejja l-fatt li talba sabiex issir Inkjesta maġisterjali tista' ssir minn kull persuna b'daqshekk ma jfissirx li tali persuna għandha l-i*status* ta' 'vittma' *ai termini* tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni: dik il-persuna la tista' titqis vittma diretta u lanqas waħda indiretta. Infatti, fil-każ odjern l-appellat la huwa imputat u lanqas huwa persuna suspettata iżda huwa biss il-persuna li ppreżenta rikors konfermat bil-ġurament skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) quddiem il-Maġistrat tal-Għassa u dan sabiex tinfetaħ inkjesta maġisterjali. Illi l-appellat huwa terza persuna li talbet lill-Maġistrat tal-Għassa sabiex tinfetaħ inkjesta maġisterjali. Illi minkejja li l-istess appellat xehed fil-proċeduri odjerni sabiex jipprova juri li huwa vittma ta' vjolazzjoni, madankollu dak li xehed dwaru mhuwiex kif huwa jista' jiġi kkunsidrat bħala vittma (ma weriex li huwa għandu interess dirett bħal ma għandu interess dirett imputat jew suspettat f'kuntest ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq) iżda xehed fuq il-mertu tal-allegat nuqqas ta' imparzjalità tal-Imħallef Mizzi. Illi kemm il-qrati nostrana kif ukoll il-qorti ta' Strasburgu diversi drabi rritenew li l-artikolu 39 tal-Kost-ituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw biss għall-imputat iżda ma japplika għal ħadd aktar lanqas għal *parte civile* meta l-azzjoni tkun biss sabiex tiġi stabbilita ħtija *o meno* tal-imputat skont l-akkużi

miġjuba kontrieh iżda jeħtieg illi dik l-azzjoni kriminali tkun strettament marbuta mal-jedd tal-vittma illi tipproċedi b'azzjoni ċivili, anke jekk tali azzjoni ċivili tkun sempliċement talba għal kumpens simboliku jew għal protezzjoni tar-reputazzjoni tal-istess (vide Jason Genovese *v.* Il-Kummissarju tal-Pulizija *et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2016). Issa fil-każ odjern l-appellat lanqas ma għandu stat ta' *parte civile* iżda huwa persuna li talbet li ssir l-Inkjesta u l-irwol tagħha huwa ċirkoskritt għal talba għal ftuħ tal-inkjesta maġisterjali iżda b'daqshekk ma jassumi l-ebda stat ieħor u wisq inqas stat ta' 'vittma' *ai fini* tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

»Illi fil-fehma tal-esponenti n-nuqqas ta' *victim status* tal-appellat huwa fatali għall-azzjoni odjerna u dan *stante* li ġaladarba l-istess appellat ma għandux l-interess ġuridiku neċessarju li jirrikjedu kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea sabiex tiġi proposta azzjoni straordinarja bħal dik odjerna, l-ewwel onorabbli qorti kellha tgħaddi sabiex tiddikjara tali nuqqas da parti tal-appellat.

»Illi jsegwi għalhekk li dan l-aggravju huwa ġust u għandu jiġi milqugħ.«

17. L-attur wieġeb hekk:

»»L-appellat Simon Busuttil jiċħad bis-saħħa l-argument tal-Avukat Ġenerali fit-tieni aggravju tiegħu u ċjoè li Simon Busuttil "m'huwiex vittma *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta".

»Biex isosti dan l-aggravju fieragħ u vessatorju tiegħu l-Avukat Ġenerali jiċċita żewġ sentenzi tal-QEDB, waħda tal-1978 u oħra tal-1984.

»… … …

»Li missu għamel l-Avukat Ġenerali huwa li jikkwota mis-sentenza tal-QEDB Iordachi *v.* Moldova (10.10.2009).

»F'din is-sentenza l-QEDB iddikjarat li grupp ta' avukati Moldovani li kienu jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem kellhom raġun jgħidu li kienu "vittma" *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea u li inkisrulhom id-drittijiet tagħhom b'liġi li kienet tipprovdi għall-interċettazzjoni tele-fonika ta' ċertu kategoriji ta' persuni, fosthom huma. F'din is-sentenza l-QEDB wessgħet sew id-definizzjoni ta' "*victim*".

»Din ma kkwotahiex l-Avukat Ġenerali.

»Bħalma l-Avukat Ġenerali ma kkwotax mis-sentenza tal-QEDB *in re* Weber and Saravia *v.* Germany (2006). Il-Qorti Ewropea hawnhekk iddeċidiet li ġurnalista Ġermaniża u l-assistent tagħha kellhom *status* ta' vittma għaliex kienu parti minn kategorija ta' persuni li kienu suġġetti li jkollhom it-telefonati tagħhom minn barra l-pajjiż taħt sor-veljanza (il-każ ġie dikjarat li kien inamissibbli għal raġunijiet oħra).

»Lanqas ma l-Avukat Ġenerali ikkwota minn Norris *v.* Ireland (26.10.1988) fejn reġgħet twessgħet id-definizzjoni ta' vittma. L-applikant kien ilmenta li liġijiet li kienu joħolqu reat kriminali atti omesswali kienu liġijiet li kienu qed jiksru id-dritt għall-ħajja privata.

»L-Avukat Ġenerali seta' ċċita mis-sentenza Burden *v.* UK (29.4.2008), imma lanqas din ma għamel. Ħarbitlu. Hawnhekk il-

QEDB iddikjarat li kienu vittma żewġ aħwa nisa għal finijiet ta' liġi fiskali Ingliża, anke jekk l-imposizzjoni tat-taxxa kienet xi ħaġa potenzjali u fil-futur.

»Fl-aħħarnett, fis-sentenza tal-QEDB *Association of European Integration and Human Rights v.* Bulgaria (2007) ingħatat interpretazzjoni liberali ferm ta' *victim status.* Fost oħrajn qalet:

> »"*The Court therefore accepted that an individual may, under certain conditions, claim to be the victim of a violation occasioned by the mere existence of secret measures or of legislation permitting them, without having to allege that such measures were in fact applied to him or her (see Klass and Others, judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, pp. 16-20, §§ 30-38; Malone v. the United Kingdom, judgment of 2 August 1984, Series A no. 82, p. 31, § 64; and Weber and Saravia v. Germany ((dec.), no. 54934/00, §§ 78 and 79, ECHR 2006"*

»Anke jekk wiehed jaqra il-Van Dijk, 4th ed., Chp.10:

> »"*The Court requires that the determination concerns a right that can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law … The Court does not to have to be convinced that the legal claim is well founded under domestic law; it is enough for it to determine that the claim is sufficiently tenable. The fact that the claim concerned was addressed as an issue in national proceedings constitutes sufficient ground for the "arguability" of the existence of a right.*"

»Il-QEDB fis-sentenza *Editions Périscope v.* France (26.3.1992), p.65:-

> »"*The Court requires that the determination concerns a right that can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law … The Court does not to have to be convinced that the legal claim is well founded under domestic law; it is enough for it to determine that the claim is sufficiently tenable. The fact that the claim concerned was addressed as an issue in national proceedings constitutes sufficient ground for the "arguability" of the existence of a right*".

»Fil-każ odjern, skond l-artikolu 535 u 538 tal-Kodiċi Kriminali kemm id-denunzjant kif ukoll il-kwerelant "jista'" (u għalhekk għandu dritt) jagħmel denunzja jew kwerela (kif nafu, ir-rapport isir minn uffiċjal pubbliku).

»Kemm hu veru, meta l-Pulizija Eżekuttiva ma tipproċedix fuq tali denunzja jew kwerela, dan id-"dritt" jissarraf fid-dritt ta' azzjoni kentemplat fl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali.

»Bl-istess mod, skond l-art. 546(4A), dak l-istess dritt li kemm id-denunzjant kif ukoll il-kwerelant kellhom li jadixxu lill-Pulizija Eżekuttiva, ġie estiz b'mod li issa jistgħu ukoll jadixxu direttament awtorità ġudizzjarja – il-maġistrat.

»Kemm hawn *si tratta* ta' dritt jirrizulta wkoll kemm mill-kontrapposizzjoni tad-dritt tal-persuna suspettata li tiġi notifikata, kif ukoll – u aktar – mid-dritt ta' kull waħda mill-partijiet li tappella quddiem il-Qorti Kriminali: id-dritt ta' azzjoni, li jintegra d-dritt, jispetta kemm lid-denunzjant/kwerelant kif ukoll lis-suspettat (art. 546(4B)).

»Fid-dawl ta' dan naraw kemm it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa fieragħ u vessatorju u għandu jigi dikjarat tali, apparti li jkun miċħud.«

18. Dan l-aggravju jistħoqq li jintlaqa'. Għandha ssir distinzjoni bejn il-leġittimazzjoni biex tagħmel denunzja ta' reat – li taħt l-art. 535 tal-Kodiċi Kriminali hija mogħtija lil "kull persuna" – u l-leġittimazzjoni biex tressaq azzjoni taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"], li hija mogħtija lil "kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 magħ-dudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha", fil-każ tal-Kostituzzjoni, jew lil "kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha" fil-każ tal-Kap. 319.

19. Dan ifisser illi min iressaq azzjoni dwar drittijiet fondamentali jrid juri li huwa dritt tiegħu li sejjer jinkiser, jew x'aktarx sejjer jinkiser, bl-għemil li dwaru jsir l-ilment. Fi kliem ieħor, irid juri interess ġuridiku jew – fl-lingwaġġ tal-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni – li huwa "vittma", għax, kif wara kollox sewwa qlet l-ewwel qorti, din tallum ma hijiex *actio popularis*.

20. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali l-attur ma huwiex fost il-"persuni suspettati" u la ma hija sejra tingħata deċiżjoni dwar akkuża kriminali kontra l-attur u lanqas ma hija sejra tingħata deċiżjoni dwar drittijiet ċivili tiegħu. Il-posizzjoni legali tal-attur b'ebda mod ma hija sejra tinbidel, tkun xi tkun id-deċiżjoni li tagħti l-Qorti Kriminali fuq ir-

rikorsi mressqa quddiemha taħt l-art. 546(4B) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk il-każijiet imsemmija fit-tweġiba tal-attur ma għandhomx relevanza għall-każ tallum billi f'dawk il-każijiet kollha l-"vittmi" kellhom drittijiet tagħhom milquta, jew li setgħu jintlaqtu, jew sabu l-posizzjoni legali tagħhom mhedda jew mibdula bil-liġijiet jew għemil impunjati.

21. Tassew illi l-liġi stess tagħti dritt lill-attur – bħala l-persuna li għamel ir-rapport – illi jiftaħ proċeduri taħt l-art. 546(4B) tal-Kodiċi Kriminali, li neċessarjament jimplika li għandu jkun parti f'dawk il-proċeduri meta, bħal fil-każ li dwaru saret il-kawża tallum, ikunu nbdew minn ħadd-ieħor, għax bħal ma għandu dritt jikkontesta d-deċiżjoni tal-maġistrat għandu wkoll id-dritt li jiddefendiha meta kontestata minn ħaddieħor.

22. Madankollu, il-fatt li l-attur għandu interess li jkun parti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali taħt l-art. 546(4B) tal-Kodiċi Kriminali ma jfissirx illi f'dawk il-proċeduri sejra tittieħed deċiżjoni fuq akkuża kriminali kontra l-attur jew li sejra tingħata deċiżjoni fuq id-drittijiet ċivili tiegħu, jew illi sejra ssir xi ħaġa li tista' 'l quddiem tolqot deċiżjoni bħal dawk; għalhekk ma hemmx il-kondizzjoniiet meħtieġa biex ikun leġittimat iressaq ilment dwar nuqqas ta' smigħ xieraq.

23. Fil-każ tallum l-interess tal-attur huwa l-interess ta' kull ċittadin li jara li l-liġi titħares, iżda, billi din ma hijiex *actio popularis*, dan ma huwiex biżżejjed biex jagħtih il-leġittimazzjoni biex jista' jmexxi bl-azzjoni tallum.

24. Dan l-aggravju għalhekk sejjer jintlaqa' u, billi dan hu biżżejjed biex jintlaqa' l-appell, ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis l-aggravji l-oħra.

Daqstant ieħor ma huwiex meħtieġ li l-qorti tqis l-appell inċidentali tal-attur minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talba tiegħu għal-likwidazzjoni u ħlas ta’ kumpens għall-ksur tad-dritt tiegħu, ladarba ma nstab ebda ksur ta’ dak id-dritt.

25. Il-qorti għalhekk tilqa’ l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tal-attur. L-ispejjeż tal-ewwel grad iħallashom l-attur; dawk tal-appell jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom l-attur u s-sehem l-ieħor minn erbgħa (¼) jħallsu l-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb